KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 26

Is-sitta u għoxrin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*26.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*26.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*26.5 Rapporti;*
*26.6 Kontjiet fuq areas mhux devoluti;*
*26.7 Items Oħra;*
*26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*26.10 Mozzjonijiet*
*26.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier D.Soler talab illi jattendi via z-Zoom izda sal-bidu tal-laqgħa ma kienx daħal fil-link.

## 26.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

26.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokumenti oriġinali tal-Minuti nru. 25. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier E.Borg issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment. *Minuti nru 25*

26.2.2 B'referenza għal punt nru. 25.6 is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont dwar il-kontijiet tal-areas dovuti. Spjega kif kif intqal f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill kien qed jirċievi kontijiet fuq areas illi qatt ma ġew devoluti u f'Awwissu ta' 2019 il-Kunsill kien għamel talba lil Lands sabiex jikkonfermaw liema area shuma devoluti. Fl-istess ħin il-Kunsill kien ħa d-deċiżjoni sabiex ma noħorġux pagamenti lil ARMS għal dawn il-kontijiet. Ikkonferma li sadanitant il-Lands ikkonfermaw li l-areas li għandom x'jaqsmu ma dawn il-kontijiet qatt ma kienu devoluti kif konna nafu bħala Kunsill, waqt illi l-avukati tad-Dipartiment tal- Gvern Lokali kkonfermaw illi mkien fil-liġi m'hemm miktub illi l-kunsilli għandom jħallsu għall-kontijiet [kunsilli huma responsabbli għall-upkeep u manutenzjoni tagħhom]. Żied illi ftit ta' jiem ilu rċieva telefonata fuq il-mobajl privat tiegħu mis-CEO tal-ARMS illi qal illi l-Kunsill għandu jħallas jew inkella se jaqtaw is-servizzi ta' dawn l-areas. Is-Sindku kellem lis-CEO u ġie stabbilit li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €15,000 li għandom jiġu ritornati lill-Kunsill f'każ illi l-kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas dawn il-kontijiet. Spjega wkoll illi

sar kuntatt ma' avukat illi bagħat ittra li tikkonferma dan kollu.

26.2.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi meta tmur il-qorti l-ewwel tista tikteb ittra ġudizjarja u hu tal-opinjoni illi nibagħtu ittra. Qal illi fil-fehma tiegħu ma jara l-ebda distinzzjoni bejn din u d-dawl tat-toroq, fejn huwa l-Gvern Ċentrali li jħallas dawn l-ispejjez.

26.2.4 Il-kunsillier P.Radmilli qal ukoll illi ċerti spejjez huma tas-snin 2013-2014 u fakkar illi wara ħames snin dawn jiġu preskritti. Żied illi fl-ebda ħin m'għanda tintbagħat kont mingħajr il-breakdown tal-ispejjez. Fl-istess ħin żied illi la issa ħallasna l-ammont ta' €15,000 issa aħna għandna nuru li għandna raġun.

26.2.5 Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra uffiċjali ġudizzjarja.

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino daħal fis-18:45**

## 26.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

26.3.1 Is-Sindku qal illi wara li sar ix-xogħol meħtieġ għal Cat Cafe, kien hemm it-tgergir u membri ta' għaqda li jieħdu ħsieb il-kolloni tal-qtates madwar il-pajjiz talbu laqgħa magħna. Qal illi avolja kien hemm xi ftit tensjoni inizjlament, wassalna f'kompromess fejn iż-żewġ partijiet fehmu l-issues tal-oħrajn. Huma oġġezzjonaw illi għamilna relokazzjoni tal-qtates ta' ġnien Indipendenza għar-raġuni li qtates huma territorjali ħafna u tkun diffiċli għalihom biex jersqu minn post. Fl-istess ħin huma fehmu l-problemi tal-Kunsill fejn is-sit fejn kienu bdiet tagħti dehra ħazina bil-ħmieġ u bl-ikel li kien jitħalla. *Cat Cafe*

Qal illi wara diskussjoni kien hemm qbil illi, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, il-qtates jiġu relokati fisosft area li hemm wara l-area fejn kienu qabel. Qal illi din se tinvolvi spejjez addizzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Kunsill ħa fondi mill-Animal Welfare Scheme sabiex nagħmlu relokozzjoni tagħhom u ħadd ma qal illi din se tkun problematika.

Il-Kunsill qabel unaniment illi jiġu relokati fl-area indikat. Is-Sindku qal ukoll illi minn naħa tagħhom, dawn in-nies se jkunu qegħdin inaddfu l-area fejn se joqogħdu l-qtates u jneħħu l-ikel u l-ħmieġ illi jħallu n-nies fl-istess area.

26.3.2 Is-Sindku qal illi bagħat il-lista tal-kunsilliera li se jkunu parti mit-tim għad-diversi proġetti madwar il-lokalita. Talab illi jkun hemm kommunikazzjoni dwar l-informazzjoni bejniethom għal dawn il-proġetti.

26.3.3 Is-Sindku qal illi bagħtna ittra lil-Ministru dwar l-issue tad-devoluzzjoni tal-area fejn hemm il-ħsieb illi ssir Car Park [Exiles] u Public Convenience [The Strand].

26.3.4 Is-Sindku qal illi saret il-funtana ta' Pjazza Sant'Anna. Avolja għad hemm xi affarijiet li għandom jiġu rranġati, daw issa saru fl-imkien ma dik tal-area tat-Taormina, il-funata t-tonda ta' Ġnien Independenza u l-funata ta' Johnny Navarro.

26.3.5 Is-Sindku qal illi l-Parroċċa ta' Stella Maris gaħddiet talba sabiex inbdilu l-floodlights li jixgħelu l-knejjes minn barra. Qal illi jekk il-Kunsill jaqbel, għandna noffru l-istess offerta lill-knejjes kollha. Kien hemm qbil.

26.3.6 Is-Sindku qal illi rċieva talba sabiex nikkomemuraw disgrazzja li saret 80 sena ilu, waqt il-gwerra, ġewwa triq Santa Rita fejn bomba ħalliet ammont ta' nies mejtin. Fetaħ id-diskors għas-suġġerimenti fejn wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir xi ħaġa waqt Remembrance Sunday [7 ta' Novembru 2021] li tirkorpri tifkiriet tal-ġrajjiet kollha li laqtu lil-lokalita tagħna waqt il-gwerra, u fejn niftakru dawk kollha li mietu fil-gwerra.

26.3.7 Is-Sindku qal illi bagħtna ittra lill-Onor. Ian Borg biex nifttħu diskussjonijiet għal darb'oħra fuq ir-residential parking, u għandna laqgħa ma TM dwarha fis-16 ta' Frar.

26.3.8 Is-Sindku qal illi hemm talba minn stabbiliment sabiex jagħmlu riklamar fuq l-għamara tat-toroq. Kien hemm qbil unanimu li din ma tingħatax.

26.3.9 Is-Sindku qal illi persuna talbietu jekk hemm isem partikolari għal bridge ta' Manoel Dimech peress illi din il-persuna rċeviet talba

maġ-Ġappun. Qal illi kien hemm kommunikazzjoni ma Perit illi qal illi ma jafx illi hemm isem imma saret għal Prince Edward. Ma kien hemm l-ebda qbil fuq isem illi din tista tingħata.

26.3.10 Rigward l-issue tal-bridge s-Sindku qal ukoll illi wara li saret restawrazzjoni tagħha snin ilu, kuntrattur għamel ħsarat hu u għaddej minn taħtha darba, waqt illi hemm bzonn illi ssir ukoll dawl. Se ssir ir-restawr tagħha u l-kont se tintbagħat lill-kuntrattur responsabbli [il-Kunsill kien għamel rapport tal-pulizija]

26.3.11 Is-Sindku qal illi l-marki ta' fejn għanda tiġi l-monument ta' Tony Nicholl saru għal darb'oħra izda saru ħziena. Qal illi l-markings se jsiru minn naħa tagħna. Qal ukoll illi waqt laqgħa li saret ma min se jagħmel il-monument, kien ġie deċiż illi l-monument għanda tiċkien ukoll.

26.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-għada tal-laqgħa se tittieħed deċiżjoni finali mill-P.A dwar il-Public Conveniences ta' Ferro Bay.

26.3.13 Is-Sindku qal illi waslu diversi lmenti għandu li hemm areas tal-bajjiet fejn hemm il-moss. Waqt illi dawn mhumiex issues tagħna ssuġerixxa li jkollna persuna li jimxi mall-area b'taħlita tal-chlorine. Il-Kunsill se joħroġ CfQ.

## 26.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

26.4.1 Il-kunsillier J.Pillow staqsa dwar il-possibilita li parti minn ġnien Independenza ssir area għall-għasafar. Issuġerixxa li ssir fejn saret ir-relokazzjoni tal-qtates inizjalement. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn illi min ġie bil-proposta għandu jagħti izjed informazzjoni, waqt illi tajjeb inkunu nafu x'tipi ta' għasafar jistaw jitpoġġew u jkunu għasafar li jaddattaw għall-area bħal dik. Il-Kunsill iddeċċieda li din tiġi diskussa wara li nirċievu izjed informazzjoni mingħand min ġie bil-proposta, fosthom id-disin tal-post u qbil fuq konsiderazzjonijiet.

**Peress illi s-Segretarju Eżekuttiv kellu jitlaq kmieni u kien hemm bzonn tiġi diskussa t-tender tas-survey tal-bankini, is-Sindku qabez għall-punt nru 26.8 tal-laqgħa biex jiġu diskussi rapport mis-Sotto Kumitati**

**26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

26.8.1 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta r-rapport u qal li kien hemm tlett offerti.

Il-Kunsillier E. Borg propona decizjoni li l-iħas wieħed li hu compliant jieħu t-tender. Il-Kunsillier A. Debono issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera pezenti.

**Is-sur Attard kien skuzat mil-laqgħa għall-ħabta ta' 20:30**

**Il-Kunsill kompla b'item 26.4**

26.4.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għat-tender tal-*Planning Architectural Services*. Peress li bħalissa naqqsu ammont kbir ta' kazijiet li l-perit kien jibgħat lill-PA qiegħed jirrakomanda li l-Kunsill iwaqqaf il-kuntratt, u jekk ikun hemm kaz partikolari dan jiġi mħallas b'rata kif ikun sar il-ftehim. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni f'kaz li jippermetti l-kuntratt.

26.4.3 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien qabel li ssir laqgħa mal-SRF u l-*contracts manager*. Minħabba s-sitwazzjoni prezenti tal-Covid, saqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk għandiex issir *online* jew madwar mejda għaliex peress li l-Kunsill qiegħed iħallas kull darba li ssir laqgħa, hemm bzonn aktar minn qabel li min jikkometti ruħu jkun prezenti. Kien hemm qbil li ssir madwar il-mejda. Fuq din in-nota il-Kunsillier Pillow saqsa jekk il-Kunsill hux intitolat għal xi skema/għajnuna għall-ispejjez zejda li holqitilna din il-pandemija. Il-Kunsill għandu jindaga dwar dan.

26.4.4 Il-Kunsillier K. Wain propona li l-Kunsill għandu juri solidarjeta mar-residenti, għall-inkonvenjent li qiegħed jinħoloq mill-kuntratturi permezz tal-kostruzzjoni. Irrefera għal kaz ta' Triq Amery. Is-Sur Wain propona li ssir stqarrija għall-istampa.

*Il-Kunsillier A. Debono ġie skuzat 20.32*

Il-Vici Sindku qalet li taqbel li l-Kunsill jagħti l-appoġġ tiegħu lir-residenti. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li meta kien irraporta l-BCA fuq kaz partikolari kien ġie mgħejjun. Is-Sindku qal, li filwaqt li assolutament jaqbel li l-Kunsill jagħti l-appoġġ tiegħu li-residenti, iridu noqgħodu attenti kif tinħareġ l-istqarrija għaliex il-Kunsill ma jistax jerfa responsabbilta li ma' taqax taħt il-kategorija tal-Kunsilli. Il-Kunsillier Radmilli irrakomonda li tista tinkiteb b'mod li l-Kunsill jista jwassal l-ilment tiegħu u jibqa jsegwi l-kaz. F'kaz li din tintbgħat il-*wording* għandu jintbgħat lill-Kunsilliera qabel.

26.4.5 Il-Kunsilliera Ilona Fenech irrimarkat dwar ir-rapporti li qiegħed ikollha dwar l-inkonvenjenza li qegħdin joħolqu grupp ta' zgħazagh fi Qui Si Sana. Is-Sindku fakkar fl-aħħar seduta li l-Kunsill kellu fejn kien ġie mistieden is-Supretendent u din kienet waħda mil-punti fejn kien qal li ttieħdu diversi passi dixxiplinari. Kien sar progress kkir fejn tidħol komunikazzjoni mal-pulizija. Is-Sindku b'dispjaċir qal ukoll li dan l-istess Supretendent issa tneħħa minn Tas-Sliema u ġie allokat post ieħor.

*Daħal lura Anton Debono fit-20.53*

26.4.6 Is-Sindku informa li l-maskri wasslu fl-uffiċċju tal-Kunsill u lesti biex jitqassmu. Kien hemm qbil li jistgħu jibdew jitqassmu pakkett ta' għaxra għal kull dar u għalissa jiġu jiġbruhom mil-Kunsill permezz tal-ID Card. Il-Kunsill għandu jsir jaf kif inhu sejjer it-tqassim wara ġimgħatejn ħalli nsegwu l-progress.

*Il-Kunsilliera P. Portelli u D. Muscat ġew skuzati li jitilqu mis-seduta fid-21.18*

26.4.7 Il-Viċi Sindku irrimarkat dwar Triq Ghar il-Lembi fejn hemm biċċa simenta. Kien hemm qbil li dik il-biċċa ssir b' tarmac u l-bankina tiġi fuq naħa waħda u n-naħa l-oħra jiġi mmarkat b'tip ta' sinjal abjad biex il-karozzi jinqalgħu l-barra.

26.4.8 Il-Kunsill prezenta dokumenti waqt is-seduta (kif ukoll permezz ta' email) dwar Slow Street Project kif ukoll dwar il-Method Statements tan-Niċċeċ. Is-Sindku irrakomanda biex il-Kunsilliera jarawhom aktar fid-dettal biex ikun hemm laqgħa speċifika għal dawn is-suġġetti.

26.4.9 Fir-rigward tal Slow Street Projects, il-Kunsillier P. Radmilli qal li ma jħossux komdu li l-perit tal-AKL iressaq proposti f'isem il-Kunsill mingħajr ma jiġu diskussi u approvati mill-Kunsill. Is-Sinku qal li l-Kunsill ma għandux iħossu obbligat fuq ir-rakomandazzjonjiet tiegħu biss u għalhekk qiegħed jitlob biex dawn id-dokumenti jiġu diskussi aktar f'dettal f'seduta oħra. Il-Kunsillier P.Radmilli qal li l-Kunsill irid jiċċara mal-AKL il-fatt li din mhiex id-deċizjoni finali. Kien hemm qbil li nitolbu lil Dr Antoine Zammit jagħmel presentazzjoni lill-Kunsill u niddiskutu dawk il-proposti li ma ġewx implimentati fir-rapport.

26.4.10 Fir-rigward tan-niċeċ, il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-perit E. Said kellu jagħmel prezentazzjoni lill-Kunsill qabel ma jiġu ppreżentati lil PA. Kien hemm qbil li ssir laqgħa oħra tal-Kunsill u jiġi mistieden Perit E. Said. Is-Sindku issuġerixxa li din tista ssir fl-istess data tal-laqgħa li hu jrid isejjaħ fl-aħħar ta' Frar dwar l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji. Kien hemm qbil dwar dan.

**26.5 Rapporti;**

26.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti

**26.6 Kontijiet fuq areas mhux devoluti**

Dan il-punt ġie diskuss aktar kmien f'din l-istess seduta.

**26.7 Items Oħra;**

Ma kienx hemm aktar punti

**26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

26.9.1 Dwar il-pagament tal-Insurance ġie deċiz li għas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jġib stimi oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

26.9.2 Il-Kunsillier J. Pillow innota l-pagament numru 91 tal-Mquip u fakkar li kellha tiġi rranġata l-islide (tas-Sliema Playing Fields). Kien hemm qbil li dan il-pagament jinzamm *on hold*

26.9.3 Dwar il-pagamenti numru 29 lil Med Developers dwar *land registration* għal *proposed public convenience* ix-Xatt, kien hemm

qbil li jinzamm *on hold*.

26.9.4 Dwar il-pagament numru 60 dwar il-website, il-Kunsillier Pillow saqsa jekk hux ix-xogħol kollu komplut. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat li x-xogħol li kellu jsir mil-kuntratur li jirrigwardja dan il-kont, tlesta.

26.9.5 Dwar il-pagament numru 82 dwar ix-xogħol li sar fi Qui Si Sana, il-Kunsillier J. Pillow irid jivverika li x-xogħol sar sew għaliex għar-rata li inzammet ix-xogħol ma kienx sodisfaċenti. Is-Sindku rrakomanda li jekk hemm bzonn is-Sru Pillow jinzel mal-ħaddiem u fuq il-post u jinnota dawn in-nuqqasijiet.

26.9.6 Id-Dep Seg Ezek. Ressqet zewg pagamenti oħra ta' Halmann għal *Hardstone pebbles* fi Triq Dingli kif ukoll pagament ieħor ta' FIN ltd għal manutenzjoni ta' *dancing fountains* fi Pjazza Sant'Anna. Kien hemm qbil li jiġu approvati ma dawn il-pagamenti.

Il-*Kunsillier P. Radmilli gie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-22.28*

26.9.10 Kien hemm qbil li l-pagament ta' PD Gates li kien inzamm *on hold* fl-aħħar seduta jista jitħallas.

26.9.11 Is-Sindku ressaq il-pagamenti kollha minbarra dawk li huma on hold għall-approvazzjoni. l-Kunsillier E. Borg propona u K. Wain issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti.

**26.10 Mozzjonjiet;**

Ma kien hemm ebda mozzjoni

**26.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fl-22.39. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2021

Minuti approvati llum nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2021

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |